# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Novembru 2001**

**Numru 49**

**Citaz. numru: 860/82 NA**

**Hector Barbara f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' l-assenti Jane Mifsud kif ukoll bhala esekutur testamentarju tal-mejjet Emanuele Barbara; Joseph Carbonaro, Lina Zammit, Carmen Galea, Lillian Grima, Joseph Barbara, Tessie Vella, Paul Barbara, Anthony Barbara, Carmelina Cassar, Katerina Barbara**

**vs**

**Perit Joseph Barbara**

**Il-Qorti,**

**L-Att tac-Citazzjoni**

L-attur proprio et nomine pproceda kontra l-konvenut bis-segwenti att tac-citazzjoni:

> "L-attur proprio et nomine wara li ppremetta illi:
>
> Il-konvenut kien jamministra l-fondi 77, Fishermen Street, Marsa; 4/5, Timber Wharf, Marsa; 2/4, Timber Wharf, Marsa u 82, Fishermen Street, Marsa u dana ghal diversi snin;
>
> Illi dawn il-fondi kienu in komproprijeta' bejn il-konvenut u l-mejjet Emanuele Barbara li tieghu l-attur Hector Barbara huwa ezekutur testamentarju waqt li l-atturi l-ohra flimkien mieghu huma eredi;
>
> Illi ghalkemm interpellat b'ittra ufficjali tal-14 ta' April 1982 sabiex jirrendi kont ta' l-amministrazzjoni tieghu, il-konvenut naqas li jaghmel dan;
>
> Talab li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:
>
> 1. tiffissa terminu qasir u perentorju li fih il-konvenut ghandu jirrendi kont ta' l-amministrazzjoni tieghu u fin-nuqqas ghaliex ma ghandux jigi meqjus bhala sewwa dak maghmul mill-istess atturi ai termini ta' l-Artikolu 394 (1) tal-Kodici tal-Procedura Civili.
>
> Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' April 1982 kontra l-konvenut."

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenut hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici:

1. In linea preliminari, in-nullita' tan-notifika peress illi l-kopja tac-citazzjoni mhix iffirmata mill-Avukat ta' l-attur;

2. Sussidjarjament u bla pregudizzju, illi l-gudizzju mhuwiex integru peress li l-irgiel tan-nisa mizzewga mhumiex fil-kawza u l-presenza taghhom hija essenzjali minhabba li r-rendikont jolqot l-amministrazzjoni ta' fondi komuni u ghalhekk il-konvenut jitlob li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Fil-meritu, illi ghalkemm kien ippreparat jaghti r-rendikont mitlub, dan ma setax jiffinalizzah ghaliex kien qed jistenna rendikont ta' dak li kellu jiehu minghand Emanuele Barbara in konnessjoni ma' l-istess fondi in kwistjoni, biex jigbed bilanc."

**<u>Verbal</u>**

Fis-seduta tal-1 ta' April 1993 quddiem l-Ewwel Qorti gie registrat verbal kongunt illi bih il-partijiet talbu l-korrezzjoni fl-att tac-citazzjoni fis-sens illi tizdied talba u cioe' illi l-Qorti: "*Tikkoregi u tiddikjara x'inhuwa l-kont gust ta' l-amministrazzjoni okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi.*" Din it-talba giet milqugha b'digriet tat-2 ta' April 1993 u l-Qorti nkarigat lill-Perit Legali gia' minnha nominat biex jiehu konjizzjoni ta' l-atti biex jidhol ukoll f'dan l-aspett tal-kwistjoni u jirrelata dwar jekk fil-fatt il-kontijiet sottomessi kienux gusti.

**Decide**

B'sentenza tat-23 ta' Settembru 1994 l-Ewwel Qorti ddecidiet il-kawza b'dan il-mod:

> "Ghal dawn l-ragunijiet fuq premessi u fuq il-provi migbura:
>
> Il-Qorti tiddeciedi dina l-kawza billi tastieni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba ghal ragunijiet gia' imsemmija; tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut. Dwar l-ewwel eccezzjoni ghax, kif qal tajjeb il-Perit Legali, ic-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Awissu 1982 giet regolarment ipprezentata u ffirmata mill-Avukat. Dwar it-tieni eccezzjoni l-Qorti taqbel ukoll ma' dak li jghid il-Perit Legali, li l-atturi niesa kienu qed jagixxu quo-eredi u ghalhekk ghall-beni parafernali taghhom, u ma kien hemm ebda bzonn ta' l-intervent ta' zwieghom.
>
> Dwar it-tieni talba, ghajr il-korrezzjonijiet sostanzjalment zghar li huma ndikati fil-paragrafu 17 tar-relazzjoni u li jridu jigu kkorregguti, l-Qorti thoss li ma tistax taqbel ghal kollox mal-konkluzzjoni tar-rapport peritali li l-kont in kwistjoni huwa kont gust ta' l-amministrazzjoni; u dan partikolarment fir-rigward tas-self li l-konvenut ighid li kellu jinkorri biex ikunu jistghu jinxtraw il-fondi tal-Marsa. Waqt li fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenut irnexxielu jgib provi bizzejjed biex jissostanzja s-self li huwa ghamel minghand Francis Vella, l-istess ma jistax jinghad dwar is-self li huwa jghid li ghamel ghax-xiri ta' dawn il-postijiet minghand Barclays Bank Limited.
>
> Il-Qorti ghalhekk kellha tikkalkula proporzjon skond ix-xhieda ta' l-istess konvenut, ta' kif il-flus li ssellfu minghand Francis Vella, intuzaw a beneficcju tieghu, u a beneficcju tal-mejjet Manwel Barbara. Dana l-proporzjon jirrizulta li matematikament is-somma ta' Lm1,200 cirka mill-flus li sselfu minghand Francis Vella, issellfu biex jaghmlu tajjeb ghal sehem Manwel Barbara u l-bilanc ghal sehem l-istess konvenut. Ovvjament fuq dina s-somma, iridu jghaddu l-imghax ta' 6 fil-mija mid-data li fil-

fatt sar is-self, liema somma u imghax relattivi l-atturi qeghdin jigu kkundannati biex ihallsu lill-konvenut.

Dina l-kwistjoni ta' l-imghax twassal lill-Qorti biex tikkonsidra dak li jsostni l-istess konvenut fin-nota tieghu fejn ighid li s-somma li qed tigi likwidata ghandha tigi kkunsidrata b'mod tali li l-Qorti tikkonsidra l-kambju fil-munita li sar minn zmien li sar is-self sal-lum. Huwa pero' ta' min jinnota li ripetutament fix-xhieda tieghu l-konvenut ighid, li hu qatt ma semma dan l-ammont ghax dan kien ammont cert u likwidu. Il-Ligi taghna fl-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili Kapitolu 16 hija cara hafna meta titkellem fuq l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet li fejn si tratta ta' ammont dovut fuq somma likwida u certa; l-unici danni li jistghu jezistu fin-nuqqas ta' pagament jistghu biss jikkonsistu fl-imghax dovut u mhux f'ebda somma ohra u ghalhekk din it-talba qieghdha tigi michuda.

Dwar l-ispejjes, meta wiehed iqies dak kollu li kien involut f'din il-kawza, jidher li jkun ekwu li dawn jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet."

**Motivazzjoni tas-Sentenza Appellata**

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:

"Illi l-pretenzjoni originali ta' l-atturi kienet biex il-konvenut jaghti rendikont ta' diversi kirjiet li kien jiehu hsiebhom hu. Dawn il-pretensjonijiet ta' l-atturi jinstabu a fol. 5 tal-process bhala Dokument "B" f'kopja ta' ittra li l-attur Hector Barbara kien baghat lill-konvenut fit-12 ta' April 1982 fejn huwa talbu jaghti rendikont ta' diversi kirjiet u, partikolarment, dawk il-kirjiet li kienu jinstabu Fishermen Street, Marsa u Timber Wharf, Marsa.

Il-konvenut l-ewwel isostni, fix-xhieda tieghu a fol. 19 tal-process fejn huwa jghid li huwa kien diga' ta rendikont lill-Avukat Dr. Albert Libreri li kien assocjat ma' l-Avukat

Dr. Ugo Mifsud Bonnici l-Avukat ta' l-atturi, pero' imbaghad skond verbal tat-30 ta' Novembru 1983 li jinstab a fol. 13 tal-process, il-konvenut talab zmien biex jaghmel ir-rendikont rikjest.

Fil-fatt l-istess konvenut in kontro-ezami fix-xhieda li huwa ta li tinstab a fol. 35 et sequitur tal-process jaccetta li huwa kien ghad ghandu jaghti xi spjegazzjonijiet lill-aventi kawza ta' l-atturi, pero' dan kien, ighid hu, ezercizzju reciproku li minnu kien jirrizulta, fil-fehma tieghu, li l-aventi kawza ta' l-attur kellhom ituh fuq hamest elef lira Maltin, li minnhom parti kienu self, biex jinxtraw il-fondi in kwistjoni, li taghhom kien qed jintalab rendikont.

Huwa kien lest jaccetta Lm5000, pero' Emanuel Barbara (l-aventi kawza ta' l-atturi) kien offra biss is-somma ta' Lm3000.  Biex jipprova dak li kien qieghed jallega, u in sostenn ta' l-istess, huwa gab ix-xhieda ta' martu u ta' impjegat li kien ilu zmien jahdem mieghu.  Hekk fil-fatt xehdu Maria Concetta Barbara, mart il-konvenut u Francis Mamo, li t-tnejn xehdu fit-2 ta' Dicembru 1987.

L-istess Maria Concetta Barbara tghid:

> "*Jiena nigi l-mara tal-konvenut.  Jiena naf li d-defunt Emanuel Barbara u zewgi kellhom xi negozji flimkien, u kien wasal zmien fejn kellhom jibdew jiltaqghu ha jaghmlu l-kontijiet.  Naf li huma ltaqghu diversi drabi d-dar taghna, sa fejn naf jien, u meta kont nistaqsi lil Emanuel Barbara jekk sarx progress, hu kien iwegibni fin-negattiv, u cioe': «ghandi hafna karti u notamenti li rrid narahom».*"
>
> *F'okkazzjoni minnhom jiena hadt l-opportunita' li nkellem jien direttament lil Emanuel Barbara.  Jiena ghidtlu li zewgi kien ighid li hu "u cioe' Emanuel Barbara", kellu jaghti fuq Lm5000.  Lil Emanuel Barbara ghidtlu li b'danakollu zewgi kien lest ipaci, u cioe' jaccetta Lm5000 a saldu ta' kull pretensjoni li hu kellu kontra Emanuel Barbara.  Jiena lili Emanuel Barbara qalli li hu kien jaf li kellu jaghti lil zewgi ghalkemm il-kontijiet ma kienux ghadhom lesti;  u offra li jpaci bis-somma ta' Lm3000.*"

Hekk xehed fl-istess seduta Francis Mamo:

"*Jiena domt ghoxrin sena nahdem fl-ufficcju tal-Perit Barbara u jiena w ohtu mizzewgin. Emanuel Barbara w il-konvenut kienu shab fir-rikostruzzjoni tal-bini mwaqqa' tal-gwerra, specjalment Bormla. Kellhom ukoll bi shab wara li xtrawh, proprieta' l-Marsa. Kienu mhazen gio Timber Wharf, Marsa. Jiena niftakar li meta gew ghax-xiri ta' dawn l-imhazen, Emanuel Barbara ma kellux kapital necessarju biex ilahhaq sehmu u ghalhekk il-konvenut offra li jiehu overdraft mill-Bank u wara jirrangaw bejniethom. Naf li Manwel Barbara u l-konvenut qatt ma llikwidaw in-negozju ta' bejniethom. Emanuel Barbara kull nhar ta' Hadd kien imur id-dar ta' omm il-konvenut biex jitkellem fuq in-negozji. Niftakar li gieli kien ikun mieghu l-attur Hector Barbara li dak iz-zmien kien ghadu tifel.*"

Il-Qorti trid qabel xejn tikkonsidra l-ewwel talba li ghamlu l-atturi. Jirrizulta ampjament li skond dak li ddikjara l-istess konvenut dan ir-rendikont huwa ghamlu biss fil-mori tal-kawza;

Effettivament dan ir-rendikont jinstab a fol. 88 tal-process bhala Dokument "A" u kien u gie esebit ma' diversi dokumenti ohra li jinstabu fil-process, fil-pagna ta' wara, diversament enumerati b'ittri differenti.

Peress ghalhekk li din it-talba giet effettivament esegwita, il-Qorti sejra tastieni milli tiehu konjizzjoni taghha hlief ghall-kwistjoni ta' l-ispejjez involuti dwarha.

Il-Qorti trid ghalhekk, tezamina t-tieni talba ta' l-atturi li dwarha hemm ukoll ir-rapport peritali u cioe' jekk il-kontijiet li gew rezi mill-istess konvenuti kienux kontijiet gusti jew le.

Jirrizulta li bejn il-partijiet kien hemm diversi kwistjonijiet li jistghu jinqasmu bazikament fi tlieta: l-ewwel hemm il-konteggi tal-kirjiet li kienu jingabru, gieli minn parti wahda u gieli mill-ohra; it-tieni kien hemm ix-xogholijiet u l-kostruzzjoni li huma ghamlu flimkien u bi shab; u t-tielet kien hemm il-kwistjoni tas-self fis-sens li l-konvenut isostni li meta l-partijiet gew biex jixtru l-postijiet tal-Marsa bis-shab minghand il-Bank of Valletta, l-aventi kawza ta' l-atturi ma wasalx biex jippresta sehemu. Dan

gie vversat fil-parti l-kbira mill-istess konvenut u ghaldaqstant l-aventi kawza ta' l-atturi, gie debitur tal-konvenut ghal somma li sejra tissemma aktar tard, li kienet is-sehem ta' dak li kellu johrog l-aventi kawza ta' l-atturi li fil-fatt harighielu l-istess konvenut, apparti mis-sehem tieghu.

Dwar l-ewwel zewg kwistjonijiet jirrizulta, anke mir-rapport peritali, li hlief ghal xi ftit diskrepanzi zghar li l-Qorti taqbel perfettament maghhom, il-kontijiet huma gusti.

Jibqa' ghalhekk biss il-kwistjoni jekk huwiex vera li l-konvenut issellef ammont ta' flus biex jinxtraw il-fondi tal-Marsa biex b'hekk ikun jista' ihallas mhux biss ghal sehemu imma wkoll ghal sehem sostanzjali ta' l-aventi kawza ta' l-atturi.

Dina l-konkluzzjoni hija wkoll ikkonfermata mill-konvenut li fin-nota ta' l-osservazzjonijiet li huwa ghamel fis-7 ta' Lulju 1992 li tinstab a fol. 114 tal-process ighid, li l-unika kontestazzjoni huwa kreditu li huwa ghandu kontra l-aventi kawza ta' l-atturi ghal self li huwa kien ghamel lill-istess Emanuele Barbara fis-somma ta' Lm2,829.25,1 apparti mill-imghax kummercjali ta' sitta fil-mija fis-sena mid-data li huwa kien sborza din is-somma. Huwa jghid li biex hu hareg dina s-somma biex ihallas ukoll ghas-sehem ta' l-aventi kawza ta' l-atturi, huwa ssellef parti mis-somma minghand Barclays Bank u parti mis-somma fuq l-idejn minghand certu Francis Vella. In sostenn ta' l-argument tieghu huwa jipproduci ittra mmarkata bhala Dokument "JB" li tinstab a fol. 107 tal-process li hija ddatata 17 ta' Marzu 1982, fejn huwa baghat ittra lill-attur Hector Barbara wara l-mewt ta' Emanuel Barbara fejn fost affarijiet ohra jghid hekk:

"*Is-somma li jiena rnexxieli nissellef, Lm3000 minn Barclays Bank u Lm1,823 minghand il-kuntrattur Francis Vella gew utilizzati in kwantu ghal Lm2,830 biex jintlahaq sehem Manwel u l-kumplament Lm1993 biex nghaqqad sehemi. Qieghed ukoll ninkludilek kopja ta' affidavit mahluf mill-kuntrattur Francis Vella, li jikkonferma l-fatti fuq esposti. Tajjeb li wiehed jinnota li l-kuntratt gie moqri fil-bini tan-National Bank tal-Belt, li dak iz-zmien kien fil-Borza fi Strada Rjali u Vella ghaddieli s-somma ta' Lm1,823 f'kontanti proprju quddiem il-Borza, ftit qabel*

*ma ersaqna ghall-kuntratt*". Bhala prova ta' dan il-konvenut jipproduci bhala Dokument "Y" a fol. 97 tal-process affidavit ta' Francis Vella, maghmul fid-9 ta' Frar 1982 fejn ighid li hu propriament kien sellef is-somma ndikata lill-Perit Barbara fi flus kontanti.

Huwa ta' min jinnota, li waqt li l-konvenut ghamel minn kollox biex igib il-prova li hu kien issellef il-flus minghand dan Francis Vella, haga li ma hijiex necessarjament li kienet tant facli, hu ma gab ebda prova li kien issellef l-ammont indikat minghand Barclays Bank Limited, li kieku kienet tkun haga ferm aktar facli, ghax seta', per ezempju, esebixxa *sanction letter*, li, kif kulhadd jaf, kienet taghti ndikazzjoni mhux biss tas-self, imma r-raguni ghaliex il-flus qeghdin jigu mislufa.

Dan is-self ta' flus, li l-konvenut il-Perit Barbara ghamel lil Emanuel Barbara, huwa dejjem innegat mill-atturi. L-attur Hector Barbara infatti jghid li huwa dejjem kien ikun prezenti, jew almenu hafna drabi, meta zijuh Manwel kien imur ghand il-konvenut. Hu jghid li l-konvenut fid-diversi diskussjonijiet li kellhom dwar ir-rendikonti li kellhom jinghataw, qatt ma ssemmew dawn il-flus, li kienu gew imsellfa, dejjem skond it-tezi tal-konvenut.

Il-konvenut dan jaccettah, izda jghid li huwa ma kienx isemmi din is-somma, ghax din kienet somma likwida u certa li kienet tirrizulta minn dejn u ghalhekk fl-opinjoni tieghu, ma kenitx involuta fir-rendikonti li kellhom jaghmlu bejniethom il-partijiet (din it-tezi tal-konvenut hija ovvjament argument li jmur kontra dak li qieghed isostni f'din il-kawza, fejn huwa jghid li s-self ghandu jkun inkluz fir-rendikonti bejnu u bejn l-atturi). Hekk, infatti, jixhed l-istess konvenut a fol. 137 tal-process:

"Fl-inkontri li jiena kien ikolli ma' Manwel, kultant fil-presenza ta' Hector Barbara, kont ninsisti dejjem ghal konteggi ghax dawna kienu l-unika ostakolu, biex nillikwidaw il-pendenzi ta' bejnietna, stante li s-somma li jiena ssellift biex jinqeda Manwel ghax-xiri tal-Marsa kienet likwida u certa. Ghalhekk ma kellix ghalfejn ninsisti fuq dan il-punt."

Ukoll a fol. 141 tal-process huwa jghid:

> "*il-problema li wasslet ghal din il-kawza hija proprju ghaliex il-flus li jiena personalment kont avvanzajt ghax-xiri tal-fondi tal-Marsa, jiena bqajt ma dahhalthomx, u l-werrieta ma riedux jirrikonoxxu dan id-debitu favur tieghi.*" ”

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

Minn din is-sentenza appella l-konvenut Perit Joseph Barbara principalment waqt li l-atturi appellati appellaw incidentalment.

**<u>L-Appell Principali</u>**

Mhux kontestat illi l-konvenut appellant kien jamministra l-fondi msemmija fl-att tac-citazzjoni u dana fis-sens wiesgha tal-kelma. Meta gew biex isiru l-kontijiet dwar din l-amministrazzjoni bejn il-konvenut u l-awtur ta’ l-appellati kien hemm nuqqas ta’ qbil li wassal ghal din l-istanza primarjament biex jigi assigurat li jsir rendikont ta’ l-amministrazzjoni ta’ l-istess konvenut u sussegwentement biex ukoll jigi dikjarat x’kien il-kont gust ta’ tali amministrazzjoni.

L-aggravju ta’ l-appellant hu illi l-Ewwel Qorti rriteniet illi parti mill-ammont li wasal ghalih il-Perit Legali ma kienx gie

ppruvat. Il-konvenut ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni ghaliex fil-gbir tal-provi kien gie sottomess rendikont dettaljat bazat fuq diversi noti li kellu l-konvenut fil-pussess tieghu kif ukoll notamenti ta' l-istess Emanuele Barbara, l-awtur ta' l-atturi. L-appellant jistrieh fuq din il-konkluzzjoni tal-Perit Legali li pero' ma gietx ghal kollox abbraccjata mill-Ewwel Qorti "*Ghall-ezercizzju li l-konvenut ghamel ta' notamenti ta' Emanuele Barbara li minnhom hareg mhux biss li ma gietx restitwita s-somma li hareg hu sabiex ilahhaq sehem Emanuele fix-xiri izda lanqas mix-xogholijiet li saru flimkien, l-atturi ma ressqux prova kuntrarja f'ezercizzju simili ghal dak tal-konvenut, fl-assiem taghhom il-provi dettaljati u korroboranti tal-konvenut dwar il-kreditu minnu pretiz huma aktar konvincenti mill-provi fin-negattiv ta' l-atturi.*"

Ghal dan l-aggravju principali fil-meritu l-appellati jissottomettu illi ghamlet sewwa l-Ewwel Qorti li ma sostnietx ghal kollox il-konkluzzjonijiet tal-Perit Legali dan ghaliex il-konvenut ma kienx ipproduca l-ahjar prova in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu. Dan kellu necessarjament iwassal ghar-revizjoni tar-rendikont sottomess mill-appellant. Din il-Qorti qieset sewwa l-konsiderandi fis-sentenza appellata li hi bazata mhux biss fuq ezami akkurat tax-xhieda prodotti imma

wkoll fuq il-konsiderazzjoni illi *una volta* l-konvenut appellant kien qieghed jippretendi li kienet dovuta lilu somma li kien issellef biex jinqeda Emanuel Barbara biex ikun jista' jakkwista sehemu fil-fondi *de quo,* kien jispetta lilu illi jipprovdi l-prova ta' dan is-self. Self li hu jinsisti illi kien ghamel tramite s-servizzi tal-Barclays Bank u li allura kien ghal kollox fil-possibbilitajiet tieghu li jipprovdi l-prova certa dwaru. Prova li hu baqa' ma ghamilx nonostante li l-kawza ilha tkarkar snin twal. Fatt dan ukoll pjuttost stramb konsiderat illi l-konvenut kien persuna ta' precizjoni illi ma jonqosx illi jzomm id-dokumenti tieghu bankarji in regola u fl-ordni. Dan apparti illi ma kienx eskluz illi certament fiz-zmien bikri tal-kawza fejn allura d-dokumenti relattivi setghu wkoll ikunu ripeskati mill-Arkivji tal-Bank, tali prova setghet issir b'mod inkonfutibbli minn din il-fonti. Dan naturalment jekk il-konvenut kien verament f'posizzjoni li jaghmel tali prova.

Dwar dan, l-Ewwel Qorti baqghet bla sodisfazzjon u konsegwentement apprezzat u evalwat il-provi quddiemha fis-sens illi fil-mankanza ta' l-ahjar prova ma kienx, fil-fehma taghha, korrett illi tittiehed bhala l-verzjoni korretta dak li fuqu nsista l-konvenut kontra c-cahda kategorika ta' l-appellati. Il-Qorti wkoll tikkonsidra illi l-Ewwel Qorti kienet rinfaccjata

b'sitwazzjoni fejn il-konvenut kien qieghed jaghmel stqarrijiet fl-assenza tal-possibbilita' tal-kontradizzjoni minn Emanuele Barbara li favur u fl-interess tieghu sar is-self taht ezami billi dan kien diga' miet meta giet prezentata l-kawza. Din il-Qorti qua Qorti ta' revizjoni ma tqisx li huwa l-kaz illi b'xi mod tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti tal-provi. Dan certament hu aspett fattwali tal-meritu u l-analizi akkurata w oggettiva li ghamlet l-Ewwel Qorti tirrizulta attendibbli u ma kellhiex allura bla raguni gravi tigi mqieghdha fid-dubbju minn din il-Qorti.

Ma hemmx ghalfejn wiehed jirrileva wkoll illi filwaqt illi r-relazzjoni peritali tikkostitwixxi ghall-fini tal-process prova valida li l-Qorti kienet obbligata illi tikkonsidra bhal provi ohra, l-istess Qorti ma kenitx pero' tenuta li necessarjament issegwi l-opinjoni teknika u setghet tiskartaha jekk din tkun kontra l-konvinzjonijiet taghha. Dan japplika *multo magis* fil-kazijiet bhal dak taht ezami fejn il-fehma teknika ma tkunx wahda inerenti mal-meritu li tieghu l-Qorti ma jkollhiex konoxxenza adegwata imma tkun pjuttost opinjoni bazata fuq evalwazzjoni tal-provi. Evalwazzjoni li l-Qorti certament kienet f'posizzjoni li taghmel hi stess fejn si tratta ta' applikazzjoni rigoruza tal-principji dwar l-attendibbilita' tal-provi fosthom dik illi fejn tali

prova tkun dipendenti minn dokument dan kellu jigi prodott in omagg tal-principju illi l-Qorti kellha tistrieh fuq l-ahjar prova accessibbli u producibbli fic-cirkostanzi.

Din il-Qorti allura ma ssib xejn x'ticcensura fil-konkluzzjonijiet raggunti mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-meritu. Hu sintomatiku wkoll illi fl-aggravju tieghu l-konvenut ma avvanza l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti kellha tiskarta s-sentenza appellata favur ir-relazzjoni peritali. Ma tistax ukoll ma tinnotax li l-appellant lanqas f'dan l-istadju ta' l-appell ma jittanta jipproduci provi biex jissodisfa l-lakuna li l-Ewwel Qorti rravvizat fil-kwadru ta' l-accertamenti mehtiega biex tigi verifikata l-korrettezza tar-rendikont tieghu fejn dan instab mankanti. D'altronde hu sinjifikattiv illi din il-kawza giet intavolata meta giet intavolata fiz-zmien meta sar difficli biex tali verifika ssir. Dan l-aggravju qed jigi ghalhekk michud.

It-tieni aggravju ta' l-appell principali huwa illi l-Ewwel Qorti ma laqghetx it-talba biex is-somma likwidata tigi konsidrata fid-dawl tal-kambju fil-munita li sar miz-zmien tas-self sallum. Qed ikun accettat il-fatt illi l-valur tal-munita korrenti kienet tirrapprezenta frazzjoni ta' dik li kienet fil-1952. Sabiex allura l-konvenut jigi reintegrat pjenament l-ammont likwidat kellu

ragonevolment jigi multiplikat bl-indici tallum u diviz b'dak kurrenti fil-1952.  Dan l-aggravju hu insostenibbli fil-ligi ghaliex imur kontra d-divjet espress ta' l-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi:  "*Jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata d-danni li jigu mid-dewmien ta' l-ezekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena.*"  Il-ligi mkien ma tipprovdi l-possibbilita' ta' rivalutazzjoni tal-kreditu skond il-flutwazzjoni tal-kambju dana b'ghaqal kbir biex tevita kull incertezza dwar il-konsistenza tieghu u biex tassigura uniformita' fil-kwantifikazzjoni ta' dak li jkun effettivament dovut.  Dan l-appell qed jigi wkoll skartat.  L-appell principali ma jirrizultax allura sostenibbli.

**<u>L-Appell Incidentali</u>**

L-atturi appellati uzufruwew mill-appell principali tal-konvenut biex jintavolaw appell incidentali fis-sens illi:

A) L-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra bir-reqqa l-kontenut ta' l-osservazzjonijiet taghhom dwar il-fatt li l-konvenut kien fid-dmir li jzomm id-dokumenti ta' l-

amministrazzjoni in regola b'mod li jkun jista' jaghti rendikont tajjeb ta' l-inkarigu minnu ezegwit. Il-prova allura kienet tinkombi fuqu;

B) Fit-tieni lok huma jissottomettu "*li t-terminu tal-perjodu preskrittiv ghal dan id-debitu ghadda sewwa*". Biss biss bejn il-mewt ta' Emanuele Barbara u l-odjerna procedura ghaddew 'il fuq minn ghaxar snin; u

C) fit-tielet lok ma setghetx tippenalizzahom bi hlas ta' imghax meta d-dewmien kollu jidher car illi kien gej minn naha tal-konvenut appellant.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tikkonsidra s-segwenti:

1. B'nota ta' sottomissjonijiet fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti l-atturi jittantaw illi riedu jifthu berah il-kwistjoni kollha bejnhom u bejn il-konvenut, b'sottomissjonijiet li lanqas biss jidher li saru quddiem l-Ewwel Qorti. Dana fir-rigward tal-kontestazzjoni dwar l-ammont effettivament likwidat mill-Ewwel Qorti. Il-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti appena ghamlet fir-rigward ta' l-appell principali fis-sens illi ma kellhiex

raguni ghaliex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet wara ezami akkurat taghhom japplikaw ukoll *mutatis mutandis* ghall-appell incidentali.

Mill-banda l-ohra l-aggravju taghhom apparti r-riferenza ghall-estinzjoni ta' l-azzjoni bid-dekors tal-perjodu preskrittiv l-atturi appellati jilmentaw illi l-konvenut ma zammx il-kotba sewwa u konsegwentement ma kienx f'posizzjoni illi jaghti rendikont ta' l-amministrazzjoni tieghu kif suppost. Aggravju dan li ghal darb'ohra hu wiehed dwar l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Il-meritu ta' kawza ta' din ix-xorta kellu necessarjament jigi determinat mill-analizi li l-Qorti taghmel tax-xhieda u dokumenti prodotti quddiemha. Fil-waqt li indubbjament l-oneru tal-prova kien f'dan il-kaz jispetta lill-konvenut illi kellu jirrendi, kif finalment irrenda, kont ta' l-amministrazzjoni tieghu, kienet il-Qorti li finalment kellha tezamina dak ir-rendikont u tara kemm kien attendibbli fid-dawl ta' dak li jigi sottomess lilha mill-kontendenti. Dan il-kompitu l-Ewwel Qorti ghamlitu b'oggettivita' u diskrezzjoni wara analizi akkurata tar-rizultanzi processwali u ma jidhirx illi hemm lok li din il-Qorti ta' rivizjoni tiddisturba l-apprezzament li ghamlet.

2. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom f'din l-istanza l-atturi appellati baxx baxx introducew ilment iehor dwar il-projbizzjoni "*li l-imghax jizdied aktar 'il fuq mis-somma tal-kapital u li ghalhekk l-imghax kellu jigi ridott ghall-Lm2829.10c5m li kienet is-somma kapitali li finalment tirrizulta dovuta*." Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tiehu konjizzjoni ta' aggravju li ma gie qatt sollevat la quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas fir-rikors ta' l-appell. Fuq kollox is-sentenza appellata l-kwistjoni ta' l-imghax baqghet biex tigi regolata skond il-ligi u kellhom allura japplikaw ir-regoli generali ta' dritt li jiggvernaw il-materja.

3. Finalment l-appellati jissottomettu illi, f'kull kaz, id-debitu taghhom fil-konfront tal-konvenut appellant huwa preskritt. Jissottomettu illi anke jekk wiehed ghall-grazzja ta' l-argument jaccetta illi matul il-hajja tad-decujus kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni ghaliex wiehed jemmen illi l-imsemmi Emanuele Barbara kien iddikjara ruhu debitur lejn il-konvenut, haga li giet michuda ripetutament mill-atturi fix-xhieda taghhom, mal-mewt tieghu dan ma sehhx aktar. Ghalhekk jekk wiehed jiehu l-perjodu ta' hames snin (Artikolu 2156 (8) tal-Kapitolu 16 bhala l-ghola perjodu ta' dan id-debitu, jsib li

huwa preskritt ghax ghaddew 'il fuq sew minn hames snin mill-gurnata tal-mewt ta' l-istess Emanuel Barbara sa meta l-konvenut ressaq it-talba tieghu fir-rendikont.

Din is-sottomissjoni hi wkoll insostenibbli fil-ligi jekk xejn ghaliex:

1. tipprospetta sitwazzjoni ghal kollox anti-guridika fejn l-atturi f'kawza jaghtu eccezzjoni tal-preskrizzjoni estentiva ta' l-azzjoni potenzjalment accessibbli ghall-konvenut meta dan ma kien ghamel l-ebda kontro-talba;

2. inoltre l-fatt illi l-istess atturi qablu mal-konvenut li kellha ssir zieda fl-att tac-citazzjoni ta' talba addizzjonali biex il-Qorti tikkoregi u tiddikjara x'kien il-kont gust ta' l-amministrazzjoni, jimplika necessarjament rrinunzja ta' kull eccezzjoni ta' preskrizzjoni li kienet tkun accessibbli lill-atturi kieku kienu konvenuti. Dana proprju ghaliex din it-talba kienet necessarjament tfisser illi l-kontijiet bejn il-kontendenti kienu ghadhom miftuha w ukoll illi l-atturi kienu jkunu preparati illi jhallsu dak li kien dovut

lill-amministratur ta' hwejjighom meta tali ammont jigi likwidat mill-Qorti.

3. Din il-Qorti allura ma tarax raguni ghaliex kellu jintlaqa' l-appell incidentali ta' l-atturi appellati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichad l-appell principali tal-konvenut bl-ispejjes kontra tieghu; tichad l-appell incidentali ta' l-atturi bl-ispejjes kontra taghhom; tikkonferma s-sentenza appellata fl-interezza taghha anke fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez.

Dep. Reg.